MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 20/2012

**Charles Grech Co Ltd**
**C 2473**

**Vs**

**Edgar Brincat (ID 212945M) u**
**Anne Eadone-Alien (Pass No. 704394036)**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fiz-17 ta' Jannar, 2012 illi s-socjeta' attrici qed titlob lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf mitejn erbgha u sebghin Ewro u tliet centezmi (€1,274.03) rapprezentanti ammont dovut minnhom fir-rigward ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilhom

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tal-15 ta' Gunju, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2012 u filfatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn erbgha u sebghin Ewro u tliet centezmi (€1,274.03) bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------